**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 14**

**Rik. Nru. 820/2016 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1195/16 fl-ismijiet**

**Trends Limited**

**vs.**

**DJRL Dance Limited (C 37882) u Dominic Micallef K.I. 140181 M)**

**U fl-atti tal-kawża**

**Ċitaz. Nru 288/16/RGM**

**DJRL Dance Limited (C 37882) u Dominic Micallef (K.I. 140181M)**

**vs.**

**Trends Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' DJRL Dance Limited u Dominic Micallef** ppreżentat fl-1 ta' Settembru, 2016 li permezz tiegħu ppremettew u talbu is-segwenti:

Illi l-esponenti gew notifikati bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi li ggib in-numru hawn fuq indikat.

Illi dan il-mandat inhareg fit-12 ta' Awwissu 2016 u gie akkordat bid-data tal-29 ta' Awwissu 2016.

Illi ghandu jinghad illi l-partijiet kellhom negozju bejniethom fejn is-socjeta` kreditrici kienet forniet lis-socjeta` esponenti, inter alia, xoghol ta' paviment ta' recycled plastic deking fl-istabbilment taghha li ghandha f'San Gwann, u ghal dan id-decking biss kien hemm pattwit il-hlas tas-somma ta' €190,220.

Illi l-hlas ma sarx skond kif kien miftiehem u ghalhekk, a skans ta' procediment b'kawza, l-partijiet qablu u iffirmaw kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu li gie pubblikat fl-20 ta' Awwissu, 2013.

Illi l-esponenti ma onorawx il-pagamenti skond kif miftehma fl-msemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u ghalhekk il-kreditrici, fil-23 ta' Dicembru, 2015, ipprezentat ittra ufficcjali kontra l-esponenti li permezz taghha irrendiet l-kuntratt notarili hawn fuq imsemmi bhala titolu ezekuttiv.

Illi sussegwentement zviluppaw difetti serji fil-paviment fornit mis-socjeta` konvenuta u billi ma intlahaqx ftehim dwar dawn id-difetti l-esponenti appuntaw lill-perit Mario Cassar biex jezamina l-istess difetti u wara li dan hareg ir-rapport tieghu li ikkundanna x-xoghol esegwit mill-kreditur, huma istitwew il-kawza fl-ismijiet premessi fit-8 ta' April, 2016.

Illi l-esponenti prevedew illi s-socjeta` kreditrici setghet titlob il-hlas tas-somma pattwita abbazi tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq riferut. U ghalhekk sabiex jilqghu ghall-istess eventwalita`, fil-kawza li huma istitwew, huma talbu illi l-Qorti "*tordna is-sospensjoni immedjata ta' kwalsiasi procedura ulterjuri ghall-ezekuzzjoni tal-istess kuntratt hawn fuq imsemmi u tiddikkjara minghajr effett l-ittra ufficcjali mibghuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fil-23 ta' Dicembru, 2015".*

Illi din il-kawza giet prezentata fit-8 ta' April 2016 u wara li giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta, hija fis-6 ta' Mejju, ipprezentat ir-risposta taghha. Fl-istess risposta tas-socjeta` konvenuta wiehed ma ssib lanqas l-icken accenn ghall-ewwel zewg talbiet tal-esponenti, filwaqt li ssib kontestazzjoni dettaljata dwar it-talbiet l-ohra.

Illi ghalhekk wiehed jifhem li la darba ma sar ebda accenn ghall-imsemmija l-ewwel zewg talbiet, kuntrarjament ghal dak li hemm a rigward tat-talbiet l-ohra, kien hemm l-accettazzjoni, sia pure tacita, illi l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ma jigiex esegwit lanqas provvizorjament.

Illi kuntrarjament ghal dan, pero`, fit-12 ta' Awwissu 2016 l-intimata presentat il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv hawn fuq indikat kontra l-esponenti ghall-amont hemm indikat ta' €176,017.35.

Illi l-esponenti jhossu illi ma jkunx la gust u lanqas ekwu u jkun legalment skorrett illi l-istess kuntratt jigi esegwit f'dan l-istadju – u dan ghaliex jekk ikollhom jigu milqugha it-talbiet l-ohra fil-kawza fl-ismijiet premessi isegwi li tkun saret ingustizzja grossolana mal-esponenti. Dan qed jigi sottomess in vista tal-fatt illi bl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru l-esponenti jigu serjament pregudikati.

Illi l-kawza hija differita ghall-provi tas-socjeta` konvenuta dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet u dan kien perfettament korrett meta giet differita il-

kawza *stante* li ma kienx ghad hemm il-presentata tal-mandat ta' sekwestru riferut.

Illi fid-dawl tal-presentata tal-imsemmi mandat ta' sekwestru ezekuttiv, l-esponenti ihossu illi din il-Qorti ghandha taghti dawk id-direttivi kollha mehtiega f'dan ir-rigward, anke, jekk hemm bzonn, sentenza parzjali dwar biss l-ewwel zewg talbiet u dan fl-interess suprem tal-gustizzja li mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir. X'jiswa ghall-esponenti jekk s-socjeta` intimata ikollha tesegwixxi l-imsemmi kreditu taghha kontra l-esponenti f'kaz li, f'sentenza finali, jirrizulta li l-istess esponenti ghandhom ragun inkwantu jirrigwarda t-talbiet l-ohra kollha ?

Ghal dawn il-motivi, l-esponenti, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-atti hawn fuq imsemmija, jitolbu bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tordna sabiex minnufih jigu sospizi l-effetti u l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru fuq citat u taghti dawk id-direttivi kollha necessarji u opportuni sabiex l-ewwel zewg talbiet tal-kawza, li huma dirimenti a rigward tal-pretensjoni kif dedotta kontra taghhom b'rizultat tal-mandat ta' sekwestru hawn fuq riferut, jigu trattati u decizi imqar provvizorjament u dan anke jekk dan ikollu jsir bla pregudizzju ghall-kompletazzjoni tal-kawza – kollox isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat **ir-risposta tas-soċjetà Trends Limited** ppreżentata fil-15 ta' Settembru, 2016 li jingħad kif ġej:

Illi fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna ir-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef ighidu illi "sussegwentement zviluppaw difetti serji". Dan huwa ferm 'l boghod mir-realta`. Ma zviluppaw l-ebda difetti serji. Wara li rcevew l-ittra ufficcjali li rrendiet il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu titlu ezekuttiv, huma kellhom jivvintaw xi haga biex iwaqqfu lis-socjeta` esponenti milli tkompli tezegwixxi. Kif jistqarru huma stess fit-tielet paragrafu ta' l-istess, meta huma "pprevedew illi s-socjeta` kreditrici

setghet titlob il-hlas tas-somma pattwita abbazi tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq riferut, u ghalhekk sabiex jilqghu ghall-istess eventwalita`", huma istitwixxew kawza kontra s-socjeta` esponenti. Dan ghamluh abbazi ta' rapport peritali fqir u bla ebda bazi xjentifika.

Fil-fatt tant m'hemm l-ebda difetti serji jew xi periklu li, kif taf Malta kollha, qeghdin isiru sal-gurnata mqaddsa tallum parties tal-massa fil-post fejn sar ix-xoghol mis-socjeta` esponenti, u cioe` fl-istabbilment fil-limiti ta' San Gwann, bl-isem "ARIA COMPLEX". Jidher car ghalhekk illi l-kawza saret bl-iskop biss sabiex ir-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef jibqghu ma jhallsux lis-socjeta` esponenti dak li huwa dovut lilha minnhom.

Illi fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna jinghad ukoll mir-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef illi "billi ma ntlahaqx ftehim". Hawnhekk ir-rikorrenti iridu jaghtu l-impressjoni illi kien hemm xi tahdidiet bejn il-partijiet fuq xi lmenti tar-rikorrenti qabel ma ntavolaw il-kawza. Imma dan mhu veru xejn. Fil-fatt ir-rikorrenti ma ghamlu l-ebda ilment mas-socjeta` esponenti u ghamlu l-kawza meta, kif isostnu huma stess, "is-socjeta` kreditrici (esponenti) setghet titlob il-hlas tas-somma pattwita abbazi tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu". Ir-realta` hi li riedu isibu skuza biex ma jhallsux dak dovut minnhom.

Illi fil-hames paragrafu tat-tieni pagna tar-rikors taghhom, ir-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef isostnu illi "la darba ma sar ebda accenn" ghall-ewwel zewg talbiet, allura hemm l-accettazzjoni, sia pure tacita, li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ma jigiex ezegwit provizorjament. Illi anke hawnhekk ir-rikorrenti mhumiex korretti. Ir-rikorrenti jridu jnessu lil din l-Onorabbli Qorti is-sitt eccezzjoni tas-socjeta` esponenti li tghid hekk:

"6 Illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 t'Awwissu, 2013 bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata sar madwar ghaxar xhur wara li tlesta x-xoghol u sar validament skont il-ligi. L-ittra ufficcjali mibghuta mis-

socjeta` intimata lir-rikorrenti fit-23 ta' Dicembru, 2015 hija ukoll valida skont il-ligi. Ghalhekk it-talbiet rikorrenti fir-rigward tal-imsemmi kntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u ta' l-imsemmija ittra ufficcjali, u cioe` **l-ewwel, it-tieni** u r-raba' talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom".

Illi huwa veru illi r-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef intavolaw kawza li ghad trid tigi mismugha u deciza. Imma s-socjeta` esponenti ghandha kull dritt illi tikkawtela l-kreditu taghha specjalment meta taf illi l-kostituzzjoni ta' debitu huwa validu u illi r-rikorrenti qed jaghmlu minn kollox biex ma jhallsux dak dovut minnhom. Anke l-istess rikorrenti ikkawtelaw is-sitt talba taghhom permezz tas-sekwestru kawtelatorju numru 1271/16. Huwa pprezentaw sekwestru kawtelatorju peress li m'ghandhomx titlu ezekuttiv kontra s-socjeta` esponenti.

Illi bit-talba taghhom ir-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef iridu illi filwaqt illi t-talba taghhom tkun kawtelata, dik tas-socjeta` esponenti ma tkunx. Fiha nfisha din ikkreja ingustizzja.

Illi fil-kaz tas-socjeta` esponenti is-sekwestru 1195/16 huwa ezekkutiv stante li hija tgawdi titlu ezekuttiv abbazi tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 t'Awwissu, 2013 li gie rez ezegwibbli permezz ta' l-ittra ufficcjali tat-23 ta' Dicembru, 2016.

Madanakollu, s-socjeta` tissommetti umilment illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-awtorita` li tordna fic-cirkustanzi tal-kaz li kull ammont li jigi maqbud u depozitat taht il-vesti ta' din l-Onorabbli Qorti ghandu jibqa' hekk depozitat u rilaxxjat lis-socjeta` esponenti fl-eventwalita` biss li l-kawza tinqata' kontra r-rikorrenti DJRL Dance Limited u Dominic Micallef.

Daqstant ghandha x'tissottometti s-socjeta` esponenti ghas-savju gudizzju superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat li fl-1 ta' Marzu 2017 il-partijiet qablu li x-xhieda u dokumentazzjoni miġbura fil-kawża 288/2006 japplikaw ugwalment għal din il-kawża, għaldaqstant din il-Qorti ħadet konjizzjoni tax-xhieda miġbura fl-imsemmija kawża kif ukoll fir-rikors odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għad-deċiżżjoni.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni tas-Sekwestrati**.

Permezz ta' dan ir-rikors, is-soċjetà DJRL Dance Limited u Dominic Micallef qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv ppreżentat minn Trends Limited fit-12 t'Awwissu 2016 għas-somma ta' mija, sitta u sebgħin elf u sbatax-il ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€176,017.35), liema mandat ġie akkordat fid-29 t'Awwissu 2016. Dan il-mandat ġie akkordat abbażi tal-fatt li fl-20 t'Awwissu 2013 kien ġie ffirmat kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu u kien wara li r-rikorrenti ma onorawx il-pagamenti hemm maqbula li fit-23 ta' Diċembru 2015 ġiet ippreżentata ittra uffiċċjali tirrendi l-kuntratt notarili bħala titolu eżekuttiv.

Mill-qari tar-rikors fuq ċitat jirriżulta li l-bażi ta' din it-talba għas-sospensjoni huwa l-allegat fatt li kienu rriżultaw difetti serji fil-pavimentar li kien twaħħal mis-soċjetà Trends Limited. Kien wara li ġie mħejji rapport mill-Perit Mario Cassar, inkarigat mid-debituri rikorrenti, li l-istess kienu intavolaw proċeduri kontra Trends Limited fit-8 t'April 2016 fejn permezz tar-rikors ġuramentat kienu talbu fost oħrajn li tiġi ordnata 'is-sospensjoni immedjata ta' kwalsiasi proċedura ulterjuri ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess kuntratt hawn fuq imsemmi' [kostituzzjoni ta' debitu]; dikjarazzjoni li Dominic Micallef u s-soċjetà DJRL Dance Limited ma kellhom jagħtu l-ebda flus lis-soċjetà Trends Limited u li se mai kellha tirrifondi l-pagament

ta' €78,636.03. Ir-rikorrenti jippremettu fir-rikors għas-sospensjoni li "ma jkunx la gust u lanqas ekwu u jkun legalment skorrett illi l-istess kuntratt jiġi esegwit f'dan l-istadju [...] bl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru l-esponenti jiġu serjament preġudikati"[1].

Ikkunsidrat

Kemm mill-qari tar-rikors promotur kif ukoll mill-kumplament tal-atti minn imkien ma jirriżulta a bażi ta' liema artikolu fil-liġi qiegħda ssir it-talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv;  iżda peress li hawn si tratta ta' rikors sempliċi u mhux il-proċedura solenni tar-rikors ġuramentat (ex-ċitazzjoni), il-Qorti qed tqis li r-rikorrenti qed jinvokaw l-artikolu 281 tal-Kap. 12.

Dan għaliex il-Qorti tqis li *a contrario* ta' dak li wieħed isib fl-Artikolu 326 tal-Kapitolu 12 rigwardanti twaqqif ta' bejgħ bl-irkant u fl-Artikolu 253 (e) tal-istess Kapitolu fejn il-Qorti tista' tissospendi l-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note,* l-ebda provvediment ekwivalenti ma jinstab taħt il-kappa li jirregola l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fl-imsemmi kapitolu. Min-naħa l-oħra l-Qorti iżda tqis li taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-eżekuzzjoni ta' sentenzi u titoli eżekuttivi taħt il-Kapitolu 12, Artikolu 252 et seq, wieħed isib l-**Artikolu 281** fejn l-ewwel subartikolu jipprovdi testwalment li:

"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv <u>**jitħassar**, sew għal kollox jew f'parti minnu biss</u>, għal raġuni valida skont il-liġi.[2]"

[1] Paġna 2 tal-proċess.
[2] Enfasi miżjud.

Fil-kawża odjerna is-sekwestrati rikorrenti qegħdin jitolbu sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv filwaqt li l-artikolu suċċitat jitkellem dwar tħassir ta' mandat eżekuttiv, in toto jew in parte.

Jidher illi l-ġurisprudenza nostrana mhux dejjem kienet konsistenti dwar talbiet għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandati eżekutivi.

Fil-kawża dwar sospensjoni ta' mandat eżekuttiv fl-ismijiet **Edmond Mugliette vs. More Supermarkets (Ħamrun) et** (Rik Nru 996/2014) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Novembru 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 2015, il-Prim'Awla għaddiet biex ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru. 1621/14, filwaqt li l-Qorti tal-Appell, għalkemm iddikjarat li l-Artikolu 281 ma japplikax fil-każijiet fejn tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv peress li dak l-artikolu huwa applikabbli fejn jintalab it-tħassir in toto jew in parte tal-mandat eżekuttiv, xorta kkonfermat il-provvediment tal-Ewwel Qorti. Irriteniet hekk:

> "Kwantu ghat-tielet aggravju, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi jkun ta' pregudizzju akbar ghal appellati kieku l-ezekuzzjoni ma tigix sospiza, in vista tal-fatt li hemm kawza pendenti dwar il-validita` o meno tal-att li ta lok ghat-titolu ezekuttiv vantat mill-appellati. Oltre dan, kif sewwa ssottomettew l-appellati t-titolu ezekuttiv u l-mandat inkwistjoni ghadhom in vigore u l-mandat huwa biss temporanjament sospiz sakemm jigu decizi l-proceduri dwar il-validita` tal-mandat. Allura l-appellati mhumiex se jsofru pregudizzju hlief naturalment id-dwejjaq li jistennew l-ezitu tal-kawza biex f'kaz li din tigi deciza favur taghhom ikunu jistghu jkomplu bil-proceduri ezekuttivi. Mill-banda l-ohra wiehed jista' jahseb li kieku mandat li jkun gie esegwit u sussegwentement il-Qorti ssib li nhareg a bazi ta' titolu li jigi mhassar, il-pregudizzju jkun akbar."

Mill-banda l-oħra ġurisprudenza nostrana daqstant ieħor awtorevoli u l-aktar prevalenti hija s-segwenti.

Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru 2605/01 **Josephine Persiano pro et noe vs. Joseph Persiano** deċiża fil-5 ta' Frar 2002, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) iddikjarat li:-

> "tali talba [għas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni] ma tinkwadrax ruhha fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 283A [illum Artikolu 281]. Meta l-ligi tipprovdi ghal procedura specjali, bhalma certament hi dik skond l-Artikolu 283A, b'ghanijiet specifici, dik l-istess procedura ma tistax tigi estiza ghal ghanijiet ohra" u għaddiet biex ikkonkludiet li t-talba għal sospensjoni ma tistax tintlaqa.

Deċiżjoni oħra fl-istess linja hi s-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar et vs. HSBC Bank Malta plc** (App. Ċiv. Nru 1070/2014) fejn il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 t'Ottubru 2015 ikkonkludiet li

> "din il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li inkwantu t-talba tar-rikorrent saret ghar-revoka *"fl-esekuzzjoni immedjata"* (sic) tal-mandat, it-talba ma tinkwadrax ruhha fit-termini tal-Artikolu 281 imsemmi li titkellem biss fuq talba biex l-att ezekuttiv *"jithassar jew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi"*. Is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta' mandat mhux kontemplat f'dan l-artikolu. F'kull kaz, id-digriet relattiv li inghata marbuta ma' din it-talba mhux appellabbli, fid-dawl ta' dak li qalet din il-Qorti fil-kawza **GO plc v. Zammit** deciza fid-29 ta' Mejju 2015, fis-sens illi *"ir-regola generali hija illi ma jinghatax appell minn dikriet hlief fejn id-dritt ta' appell jinghata espressament taht l-Artikolu 229"* tal-imsemmi Kap. 12. Id-digriet inkwistjoni mhux digriet interlokutorju kif kontemplat f'dan l-artikolu."

Issir ukoll referenza għall-provvediment finali mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Alexander Farrugia vs. More Supermarkets**

**(Ħamrun) Ltd et** (Rik Nru 997/2014LM) degretat fis-17 ta' Diċembru 2014 fejn ġie ritenut illi:-

> "...l-unika istanza kkontemplata mil-liġi fejn tista' tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv (apparti talbiet għas-sospensjoni ta' bejgħ bis-subbasta skont l-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), hija dik prevista fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-Qorti tista' tissospendi l-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* minħabba li l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni."

Għal konsiderazzjoni appena ċitata u għall-konsiderazzjonijiet oħra rigwardanti l-Artikolu 281 il-Qorti f'dik il-kawża għaddiet biex ċaħdet it-talba għas-sospensjoni tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Demicoli et vs. Angelic Mifsud pro et noe** (App. Ċiv. Nru 657/2016) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 2017 wara appell minn provvediment finali mogħti mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Ġunju 2016. Il-Prim' Awla kienet għamlet is-segwenti konsiderazzjonijieti:

"Rat li l-Artiklu 283A tal-Kap 12 koncernanti talba ghal revoka jew sospensjoni ta' mandat ezekuttiv kien gie renumerat u mibdul bl-artikolu 281 tal-Kap 12 [Art XIV tas-sena 2006] li jittratta dwar u hu "marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu …… Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ." [Michael Micallef vs Lloyds Malta Ltd (C24284) Prim Awla 02.10.2014]

"Kif ben qalet din il-Qorti diversament preseduta "L-unika istanza kkontemplata mil-liġi fejn tista' tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv (apparti talbiet għas-sospensjoni ta' bejgħ bis-subbasta skont l-Artikolu 326 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), hija dik prevista fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12……." [Alexander Farrugia vs More Supermarkets (Hamrun) Ltd (C57252) et, Prim Awla 17.12.2014, Rik. 997/2014 LM]

"Konsegwentement, il-Qorti prevja li jigi indikat lilha taht liema artikolu tal-Ligi qed tigi proposta t-talba, qeghda f'dan l-istadju tichad it-talba."

Il-Qorti kellha talba sabiex tagħmel rikonsiderazzjoni tat-talba għas-sospensjoni tal-Mandat u l-Qorti din id-darba fit-3 t'Awwissu 2016 spjegat

"Illi din il-Qorti gia` kellha opportunita` fid-digriet suriferit tesprimi dak li jghid l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u allura meta u kif huwa permess revoka jew sospenzjoni ta' **att ezekuttiv** a differenza tat-titolu ezekuttiv innifsu.

"Illi nonostante dak li rega' ippremetta r-rikorrent din il-Qorti tibqa' tal-istess hsieb kif gia` rifless fid-digriet taghha msemmi. Ghaldaqstant tichad it-talba."

Il-Qorti tal-Appell ukoll waslet għall-istess konklużjoni u ċioe li tiċħad is-sospensjoni iżda għal raġuni kompletament differenti. Qieset it-talba taħt l-Artikolu 281 u dan għamlitu wara li kkwotat minn diversi każistika fosthom is-segwenti:

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawza **Pace v. Sultana** [Rik Nru 287/2005JRM] intqal:

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att

eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A [illum Artikolu 281] jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;[3]

"Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;" (Enfasi ta' din il-Qorti).

Ghandu jigi enfasizzat ghalhekk, illi fi proceduri bhal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluza milli tqis il-mertu tal-kreditu ezistenti bejn il-partijiet (ara s-sentenzi migbura fil-sentenza **Zammit noe v. Ellis noe**, 15 ta' Dicembru 2015). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq citata sentenza **Pace v. Sultana**:

"ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ".

[3] Enfasi miżjudi minn din il-Qorti.

Is-setgha tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata ghall-ezami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluza milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12.

Fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C-3177) v. Doris Conchin** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell intqal hekk:

"… … … l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ

F'sentenza ohra ta' din il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Borg v. Geomike** Ltd 29 ta' Mejju 2015, giet citata sentenza ohra tal-Prim'Awla fl-ismijiet **A.A.S.K Enterprises Ltd v. MORE Supermarkets (Fgura) Ltd**, deciza fit-12 Frar 2015:

"Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbusiv. L-argument tar-rikorrenti li l-esekuzzjoni tal-Mandat fuq hwejjeg li - skond ir-rikorrenti - qeghdin jaghmlu tajjeb ghall-kreditu li tghid li ghandha kontra l-esekutata u li - skond hi - jgawdu privilegg aqwa minn dak tal-intimata ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu. Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta. Accertat illi kienu osservati r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti ma ghandhiex il-jedd li sabiex tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, tipprova tghid li l-Mandat ma jiswiex.

"… … …

"Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta` rikors guramentat fejn taghmel il-kaz taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata."

Is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta appena citata (**Borg v. Geomike**) kompliet tghid illi:

"Din hi l-pozizzjoni korretta, kif gie ribadit fis-sentenzi fost ohrajn, decizi milli-stess Qorti fil-kawzi **Tolio v. Komarzynic** deciza fit-28 ta' Mejju 1999, **Bay Street Holdings Ltd v. Zammit Cachia**, deciza fis-7 ta' April 2009, **Joseph Said Ltd v. Agius** deciza fit-18 ta' Gunju 2014 u **Vassallo v. HSBC Bank Malta Plc**, deciza fl-4 ta' Ottubru 2011.

"Min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' mandat irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi li tinbeda bir-rikors mahluf ai terminu tal-Artikolu 156 tal-imsemmi Kap. 12."

Il-Qorti tal-Appell għamlet ukoll referenza għal sentenza minnha mogħtija fil-25 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet **Dr Georg Sapiano nomine v. Joetta Scott**:

"Minn dawn is-sentenzi johrog car li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-mandat in kwistjoni la ghandu difetti fil-forma tieghu u li l-hrug tieghu sar korrettement. Anke l-fatt li l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tigi attakkata separatament bi proceduri ohra ma jfissirx li t-talba maghmula taht l-Artikolu 281 ghandha tigi milqugha ghax dan ma jaffettwa xejn il-hrug 'per se' tal-mandat. Il-kwistjoni tal-proprjeta` tal-vettura wkoll giet trattata korrettement mill-ewwel Qorti u din il-Qorti taqbel perfettament mal-analizi u l-konkluzjoni taghha. Dawn is-sentenzi huma tant cari fir-

rigward, li jitkellmu wahedhom u kwindi l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tissofferma ulterjorment fuq it-talbiet tal-appellanti."

"Din il-Qorti taqbel li t-talbiet tal-appellanti ibbazati kif inhuma fuq il-fatt li l-vettura in kwistjoni mhijex tar-rikorrenti Scott izda tas-socjeta` appellanti u li l-kambjala ghadha mhix titolu esekuttiv, ma humiex ta' natura procedurali kif jissomettu l-appellanti, izda jmissu s-sustanza tat-talba taghhom. Il-mandat certament inhareg mill-Qorti kompetenti u ma hemm ebda zball fil-mod kif gie ordnat – u dawn kienu l-kwistjonijiet procedurali li kellhom jigu ikkonsidrati. It-talba tal-istess appellanti allura giet gustament michuda."

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti li l-aktar ġurisprudenza prevalenti tqis li l-Artikolu 281 jagħti fakultà għat-tħassir tal-att eżekuttiv, u mhux tat-titolu eżekuttiv li jagħti lok għall-ħruġ tal-mandat. Fi kliem ieħor, meta ssir talba taħt dak l-artikolu, l-ilment irid ikun indirizzat lejn il-mandat innifsu u mhux lejn x'wassal għall-ħruġ tiegħu.

Digriet aktar riċenti li fil-fehma ta' din il-Qorti jaqa' perfettament taħt din il-kategorija huwa dak mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament **L-Avukat Dr. Robert Zammit vs. Pierre Falzon et** (Rik Nru. 386/18) deċiża mill-Prim'Awla fl-24 ta' Mejju 2018 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-13 ta' Lulju 2018 fejn is-sospensjoni ġiet ikkunsidrata wkoll taħt l-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12:

"Din il-Qorti - fl-isfond tal-gurisprudenza citata - li hija tikkondividi - tqis illi r-ragunijiet li tressqu mir-rikorrenti sabiex ikun hemm **it-thassir u/jew is-sospensjoni tal-Mandat** ma jikkwalifikawx bhala raguni valida ghall-fini ta` l-Art 281 tal-Kap 12.

"Tghid dan ghaliex ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali.

“Il-pregudizzju li parti nteressata tallega li tkun garrbet ghandu jirrizulta minn ezami formali tal-att li tieghu jkun qieghed jintalab itthassir.

“L-istharrig li l-qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu.

“Li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghall-hrug tal-mandat kienux osservati jew jekk il-mandat kienx hareg abbusivament.

“Mandat ezekuttiv jista` jigi attakkat biss kemm-il darba jkun inhareg minn qorti zbaljata jew b`difett fil-forma.

“Dan kollu premess, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-hrug tal-Mandat de quo ma kien hemm xejn irregolari jew abbuziv.

“L-argument tar-rikorrenti li l-mandat ghandu jithassar **jew jigi sospiz** ghaliex kienet prezentata kawza fejn kien attakkat it-titolu ezekuttiv ma ghandu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat.[4]"

Ikkunsidrat

Fid-dawl tal-preponderanza tal-ġurisprudenza fir-rigward ta' talbiet għas-sospensjoni ta' mandati eżekutivi huwa evidenti l-azzjoni tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 ma hiex fondata. Kieku l-Leġislatur ried jagħti id-dritt lil sekwestrat f'mandat eżekuttiv validament maħruġ id-dritt li jottjeni s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tiegħu b'sempliċi rikors, kien jilleġisla fir-rigward.

Din il-Qorti tqis li l-Artikolu 376 (3) tal-Kapitolu 12 jagħmilha ċara meta Mandat ta’ sekwestru għandu jiġi kkunsidrat *ipso jure* null u dan meta il-Mandat ikollu neqsin id-dettalji meħtieġa elenkati fit-tieni subartikolu tal-istess artikolu. Is-Sub-Titolu VI tat-Titolu VII tal-Kapitolu 12 ma jipprovdi xejn oltre dan.

[4] Sottolinear tal-Qorti

Anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, u nonostante li hawn mhux jintalab it-tħassir tal-mandat eżekuttiv, din il-Qorti kellha tapplika l-Artikolu 281 għall-każ odjern, il-Qorti tosserva li hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet. Fi kliem ieħor, meta ssir talba taħt dan l-artikolu, l-ilment irid ikun indirizzat lejn il-mandat innifsu u mhux lejn x'wassal għall-ħruġ tiegħu. Kif ġie ripetutament ritenut mill-Qrati nostrani, is-setgħa tal-Qorti hija limitata għall-eżami tal-forma tal-mandat b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre. Għaldaqstant sabiex wieħed jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzjoni ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv Artikolu 281 mhux applikabbli.[5]

Il-Qorti tosserva li l-mandat eżekuttiv de quo iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu. Dan hu f'ċertu sens konfermat mill-fatt li r-rikorrenti sekwestrati mhux qegħdin jattakkaw il-mandat innifsu, però qed jippretendu li ġaladarba hemm proċeduri pendenti dwar allegat difett fil-*plastic decking* imqiegħed mis-soċjetà Trends Limited, l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv għandha tiġi sospiża sakemm tiġi deċiża l-kawża dwar dawk l-allegazzzjonijiet. In vista li dak li qiegħed jintalab minn din il-Qorti huwa sospensjoni, liema fakultà m'hi koperta taħt l-ebda dispożizzjoni tal-liġi, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad ir-rikors għas-sospensjoni; naturalment bla preġudizzju għall-mertu tal-kawża numru 288/2016RGM.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tas-sekwestrati rikorrenti Dominic Micallef u s-soċjetà DJRL Dance Limited għas-sospensjoni tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv nru. 1195/2016 fl-ismijiet *Trends Limited vs. DJRL Dance Limited et* kif dedotta fir-rikors tagħhom tal-1 ta' Settembru 2016.

[5] Ara **Baystreet Holdings Limited (C-120858) vs. Walter Zammit Cachia et** (Rik Nru 235/2009 JRM) deċiża fis-7 t'April 2009.

L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**